**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 470/2019 AGV**

**AB (ID Nru: 353675M)**
**Vs**
**CB (ID nru: 134880M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB** datat 16 ta' Ottubru 2019 fejn espona bir-rispett u ikkonferma;

1. Illil-partijiet zzewwgu nhar it- 23 ta' Jannar 2000 u dan stante ma jirrizulta mil-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldet DB, nhar id- 29 ta' Mejju 2000 u llum ghandha dsatax-il sena;

3. Ili l-kontendenti kienu sseperaw permezzz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Dr. Mariella Mizzi u dan fl- 10 ta' Dicembru 2010, liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.  B;
4. Illi l-kontendenti kienu ftehmu biss dwar manteniment a favur tat-tifla DB u dan skont l-klawsola 7, liema mateniment dejjem thallas u ghadu jithallas sal-lum.
5. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ta' rikonciljazzjoni, bejn il-partijiet.
6. Illi ghalhekk dal-fatti jissodisfaw r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgboha;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili bejn il-partjiet;
b. Tordna lir-regsistratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar  javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dana jigi registrat fir-registru pubbliku ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha xierqa u oppprtuni.

Bl-ispejjez

Fid-seduta tat-Tlieta 3 ta' Marzu 2020, Dehret Dr. Maxiline Pace ghall-intimata li ddikjarat li ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Dep Reg**